

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Mejju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad – Blagoevgrad – il-Bulgarija) – MV – 98 vs Nachalnik na otdel “Operativni deynosti” – Sofia v Glavna direktsia “Fiskalen kontrol” pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite

(Kawża C-97/21⁽¹⁾, MV – 98)

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 273 – Nuqqas ta' għoti ta' riċevuta fiskali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 50 – Princípjū ta' ne bis in idem – Akkumulazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi ta' natura kriminali għall-istess fatt – Artikolu 49(3) – Proporzjonalità tal-pieni – Artikolu 47 – Dritt għal rimedju effettiv – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju dwar l-eżekuzzjoni provviżorja ta' sanzjoni)

(2023/C 216/05)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad – Blagoevgrad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: MV – 98

Konvenut: Nachalnik na otdel “Operativni deynosti” – Sofia v Glavna direktsia “Fiskalen kontrol” pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite

Dispożittiv

L-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha jista' jiġi impost fuq persuna taxxabbi, għall-istess ksur ta' obbligu fiskali u fi tmiem proċeduri distinti u awtonomi, miżura ta' sanzjoni pekunjarja u miżura ta' ssiġillar ta' proprjetà kummerċjali, liema miżuri jistgħu jiġi kkontestati quddiem qrat differenti, sa fejn l-imsemmija leġiżlazzjoni ma tiżgurax koordinazzjoni tal-proċeduri li tippermetti li jitnaqqas, sa fejn strettament neċċessarju, il-piżżeż żejed li jirriżulta mill-akkumulazzjoni tal-imsemmija miżuri u ma tippermettix li jiġi żgurat li s-severitā tas-sanzjonijiet kollha imposti tikkorrispondi għall-gravità tal-ksur ikkonċernat.

⁽¹⁾ ĠU C 163, 3.5.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (id-Disa' Awla) tal-4 ta' Mejju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Bucureşti – ir-Rumanija) – TU, SU vs BRD Groupe Société Générale SA, Next Capital Solutions Limited

(Kawża C-200/21⁽¹⁾, BRD Groupe Société Générale u Next Capital Solutions)

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata ta' kuntratt ta' self li għandu s-saħħa ta' titolu eżekuttiv – Oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni – Sħarriġ tal-klawżoli ingħusti – Princípjū ta' effettività – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-qorti tal-eżekuzzjoni tistħarreġ in-natura possibbilmment ingħusta ta' klawżola lil hinn mit-terminu mogħiġi lill-konsumatur sabiex iressaq oppożizzjoni – Eżistenza ta' rimedju impreskrittibbli taħt id-dritt ordinarju li jippermetti lill-qorti li tiddeċċiedi fil-mertu teżerċita tali sħarriġ u tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata – Kundizzjonijiet li ma jrendux impossibbli fil-prattiċa jew eċċessivament diffiċċi l-eżerċizzu tad-drittijiet mogħiġa mid-dritt tal-Unjoni – Rekwiżit ta' garanzija mill-konsumatur għas-sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni)

(2023/C 216/06)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Bucureşti